# Pietru u Pawlu
## L-Appostli: Ħajjithom Għotja ta' Mħabba għal Ġesù Kristu u Għall-Knisja Tiegħu

Dorianne Buttigieg

Waħda mill-isbaħ opri artistiċi li għal dawn l-aħħar Tliet Mitt Sena ilha żżejjen il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur hija bla dubju ta' xejn il-pittura tal-Kwadru Titulari. F'din l-opra artistika nilmħu lill-Appostli San Pietru u San Pawl qed jagħtu l-aħħar tislima lil xulxin qabel ma huma nfirdu għall-martirju.

Din il-pittura ta' dan il-Kwadru Titulari tissemma f'deskrizzjoni fid-dettal għall-ewwel darba fil-vista pastorali li l-Isqof Canaves għamel fil-Parroċċa tan-Nadur fis-sena 1716. Iżda aktar minn hekk hu żgur li Tliet Mitt Sena ilu din il-pittura kienet diġa` qed iżżejjen il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur. Fis-sena 1713 missirijietna bi mħabba lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl kienu nefqu somma sostanzjali għal dakinhar ta' seba` skudi biex sar gwarniċ għal din il-pittura li kienet tinsab fuq l-altar maġġur. Dan it-tagħrif joħroġ ċar minn kitba f'dokumenti li t-tielet Kappillan tan-Nadur Dun Ġann Indri Falson niżżel b'reqqa dwar flejjes li kien ġabar u anke ħareġ bejn is-snin 1708 – 1716 b'rabta ma' kull altar li wieħed kien isib f'dak iż-żmien fil-Knisja Parrokkjali tiegħu.

Il-bini tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur fi żmien ta' faqar frott il-ħidma tal-poplu inifsu hekk kif kien obbligat fid-digriet *'Cum in Prima'* li permezz tiegħu twaqqfet il-Parroċċa, flimkien mat-tiżjin ta' din l-istess knisja b'numru ta' opri artistiċi fosthom anke bil-pittura tal-Kwadru Titulari, huma mhux ħlief xhieda ħajja tal-fidi li l-ewlenin missirijietna ħadnu fi Kristu u fil-Knisja tiegħu. Iżda nistaqsu min huma Pietru u Pawlu għal dan il-poplu u x'ġiegħel li għal Tliet Mitt Sena sħaħ din l-pittura ta' dawn l-Appostli f'dan il-Kwadru Titulari tkun tant venerata. F'din is-Sena ddedikata lill-Fidi jixraq li niskopru ftit aktar dwar dawn iż-żewġ Apposli li b'fidi għamlu minn ħajjithom għotja ta' mħabba għal Ġesù Kristu u għall-Knisja tiegħu.

"O Alla li tista' kollox, li l-Appostli qaddisa tiegħek Pietru u Pawlu, tawk ġieħ bix-xhieda tagħhom: agħmel li l-Knisja tiegħek, imsaħħa bit-tagħlim u l-eżempju tagħhom, u magħquda bl-Ispirtu tiegħek, tibqa' dejjem wieqfa fuq il-blata li hu Ġesù Kristu, li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen"

Ejjew nimxu fuq l-eżempju tal-kbar Pietru u Pawlu u nilqgħu l-proposta li Ġesù għadu jagħmel lilna llum biex inkunu d-dawl li jibqa' jiddi. Ejjew inkunu d-dawl tad-dinja; li ma jistax jinħeba bħalma belt li qiegħda fuq għolja ma tistax tinħeba. U ma jixegħlux musbieħ u jqegħduh taħt il-kejl, imma fuq l-imnara biex jagħti d-dawl lil kull min hu fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħna quddiem in-nies, biex jaraw l-għemil tajjeb tagħna u jfaħħru 'l missierna li hu fis-smewwiet.[1]

### Pietru

Il-Palestina, fi żmien Ġesù, kienet maqsuma fi tliet reġjuni, bil-Galilija n-naħa ta' fuq, is-Samarija u l-Lhudija n-naħa t'isfel, b'Ġerusalemm il-belt l-qaddisa li fiha kien hemm it-Tempju li fih biss kienu jiġu offruti sagrifiċċji. Ġesù twieled f'Betlehem, imma trabba u għex f'Nazaret flimkien ma' ommu Marija. Jingħad li Ġesù qatta' l-biċċa l-kbira tal-ministeru tiegħu kemm fil-Galilija u kemm fil-Lhudija, fejn hemmhekk ingħata bħala l-ħaruf għas-sagrifiċċju bi tpattija għal dnubietna u ħa l-mewt l-aktar kiefra, il-mewt tas-salib mingħajr ma kien jisthoqqlu; dan "għax Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva."[2]

Ġesù differenti mill-imgħallmin l-oħra għażel hu lid-dixxipli tiegħu, u Pietru u Pawlu kienu tnejn minn fosthom. Pietru li kien jismu Xmun qabel ma' Ġesù sejjaħlu, kellu ħuh iżgħar minnu jismu Indrì li kien fost l-ewlenin li wieġeb għas-sejħa ta' Ġesù. It-tnejn li huma kienu sajjieda mwielda Betsajda u jaqilgħu l-ħobżna ta' kuljum f'Kafarnahum. Indrì wara l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù mar ixandar il-Bxara t-Tajba fl-inħawi tat-tramuntana tal-Greċja u l-artijiet qrib il-Baħar l-Iswed sakemm ħa l-martirju fuq salib f'forma ta' 'X'. Filwaqt li Pietru, ħuh il-kbir, baqa' fil-Palestina u l-madwar sakemm imbagħad mar fil-belt imperjali ta' Ruma, fejn hemmhekk ħa l-martirju flimkien ma' Pawlu l-appostlu tal-ġnus, fejn it-tnejn taw lil xulxin il-bewsa tal-aħħar tislima kif insibu fl-Kwadru Titulari tal-bażilika tan-Nadur.



*L-Istatwa Titulari tal-Appostli San Pietru u San Pawl esposta fil-Kolleġġjata tan-Nadur fil-jiem tal-festa. Ritratt meħud fi żmien l-aħħar gwerra.*

Fi Xmun li kien xi ftit jew wisq żatat u prużuntuż, Ġesù ra kwalitajiet sbieħ u għażlu biex ikun il-kap tal-appostli, ta' dawk it-tnax li kienu mibgħuta fuq missjoni biex ixandru l-aħbar ta' mħabba u salvazzjoni li Alla bagħat lil Ibnu fis-sura tagħna, biex ikun jista' jeħlisna minn kull irbit u ħażen li jxekkilna. Xmun għalhekk ma baqax jissejjaħ aktar Xmun imma Kefa jew Pietru li tfisser blata, li fuqha kien ħa sserraħ l-Knisja tiegħu. Ġesù ried li dak li beda hu jitkompla u jissokta sakemm itul iż-żmien u għalhekk il-Knisja ta' Ġesù għadha wieqfa u tibqa' wieqfa kif kien wiegħed Ġesù u għamel meta bagħat il-Paraklitu, jew Difensur, biex din tibqa' wieqfa u l-ebda setgħa ma tkun tista' għaliha.[3]

Il-prinċep tal-Appostli kien minn Betsajda, villaġġ qrib l-għadira tal-Galilija, iben Ġwanni, imħarreġ bħala sajjied. Miżżewweġ u jgħix ma' omm il-mara f'Kafarnahum u ħuh Indrì[4]. Kien ħdejn l-għadira li Ġesù sejjaħ lil Pietru flimkien ma' Ġakbu u Ġwanni skont is-Sinottiċi filwaqt li skont Ġwanni, Ġesù sejjaħ lil dawn it-tlieta fil-Lhudija.[5] Ta' min jinnota li Pietru dejjem jidher fuq quddiem nett fil-lista ta' meta jissemmew it-Tnax u hu kien wieħed minn dawk it-tliet appostli li kienu ma' Ġesù fil-mumenti l-aktar importanti fil-ħajja tal-Messija mwiegħed, bħal ngħidu aħna meta qajjem lit-tifla ta' Ġajru[6], fit-Trasfigurazzjoni[7], bagħat lilu u lil Ġwanni jħejju għall-ikla ta' Jum l-Azzmi li fiha kellu jgħaddilu l-missjoni biex jirgħa l-ħrief u n-nagħaġ tiegħu[8] u fil-mumenti tal-agonija tiegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ.[9] Hu kien l-ewwel wieħed li daħal fil-qabar vojt, għax għalkemm Ġwanni, għax kien iżgħar minnu fiż-żmien, wasal qablu ħdejn il-qabar, baqa' barra jistenna sakemm wasal Pietru u meta wasal daħal hu u warajh daħal Ġwanni. Kien anke lilu li Ġesù Rxoxt wera lilu nnifsu l-ewwel.[10]

M'għandniex dubju li Pietru kien il-kap tal-Knisja. Kien hu li ppreċeda fl-għażla ta' dak li kellu jieħu post Ġuda l-Iskarjota.[11] Kien Pietru wkoll li spjega lill-miġemgħa t-tifsira vera u propja ta' Għid il-Ħamsin,[12] dak li fejjaq lil dak "ir-raġel il-magħtub minn twelidu, li kienu jqegħduh kuljum ħdejn il-bieb tat-tempju, li jgħidulu s-Sabiħ, biex jitlob il-karità lil dawk li jkunu deħlin fit-tempju"[13] u dak li qata' s-sentenza fuq Ananija u Safira[14] li biegħu għalqa li kellhom u warrbu sehem mill-prezz tal-għalqa minflok tawh kollox u qegħduh f'riġlejn l-appostli. Kien ma Pietru wkoll li fetaħ il-knisja ta' Kristu għall-pagani meta għammed lil Kornelju mingħajr ma obbligah li joqgħod għaċ-ċirkonċiżjoni.[15] Kien mingħand Pietru li Pawlu kien ifittex u jitlob parir meta ltaqgħu fil-Konċilju ta' Ġerusalemm. Jingħad ukoll li Pietru qatta' ħafna snin f'Antijokja filwaqt li l-aħħar snin qattagħhom f'Ruma fejn hemmhekk iltaqa għall-aħħar darba ma' Pawlu u taw l-aħħar bewsa lil xulxin qabel ma taw ħajjithom b'xhieda fl-ewwel persekuzzjoni qalila ta' Neruni fis-sena 64 W.K.

**Pawlu**

Pawlu, mill-banda l-oħra, ma kienx wieħed mit-Tnax, imma xorta waħda jissejjaħ, Appostlu, Appostlu tal-Ġnus. Dan għaliex Pawlu, jew kif kien magħruf Sawl ta' Tarsu, kien Lhudi b'ċittadinanza Rumana, ma emminx f'Ġesù, u bħall-biċċa l-kbira tal-Lhud kienu jqisu lill-Insara bħala setta li ċaħdu r-reliġjon Lhudija. Kien għalhekk, li Pawlu flimkien mal-Fariżej l-oħra, bdew persekuzzjoni ħarxa kontra l-Insara li saħansitra bdew jiġu mixlija b'idolatrija, kannibaliżmu u inċest. Pawlu kien hemm meta ħaġru lill-ewwel martri; lil Stiefnu, kien hu li kien qed jieħu ħsieb ħwejjiġhom.[16] Pawlu kien konvint li kien qed jagħmel xi ħaġa tajba u li jistħoqqilha kull ġieħ; tant hu hekk li kien talab il-permess biex imur ifittex lill-insara Damasku, fejn kienu marru diversi nsara biex jaħarbu mill-qilla tal-persekuzzjoni.

Kien propju fi triqtu lejn Damasku li Ġesù għażel lil Sawlu – deherlu f'dawl qawwi u dlonk waqa' minn fuq iż-żiemel waqt li sema' leħen jgħidlu li hu kien Ġesù ta' Nazaret, dak li kien qed jippersegwita. Tah il-kmand biex iqum u jibqa' dieħel Damasku fejn hemmhekk kellu jiltaqa' ma' min kellu jurih x'kellu jagħmel. Hawnhekk Sawlu għamel tliet ijiem, la jara, la jiekol u lanqas jixrob. Imbagħad mar fuqu raġel mibgħut minn Alla jismu Ħananija li tah lura d-dawl ta' għajnejh u għammdu. Minn hemm ma baqax jissejjaħ aktar Sawlu imma Pawlu, filwaqt li bidel id-direzzjoni tal-vjaġġ ta' ħajtu u beda bħall-appostli l-oħra jxandar il-fidi; il-fidi f'Ġesù li wera lilu nnifsu lilu fi triqtu lejn Damasku.

Dan "l-appostlu ta' Ġesù Kristu" twieled Tarsu fejn kien tgħallem il-Grieg, fejn kien tgħallem is-sengħa li jagħmel it-tined u rċieva trobbija u formazzjoni intelletwali tajba. Kien imbagħad intbagħat Ġerusalemm, fejn kien tgħallem, kif jgħid hu stess, f'riġlejn ir-Rabbi Gamaljel. Kien jippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u jfittex li jħarbatha, imġennen kif kien għat-tradizzjonijiet ta' missirijietu.[17] Imma meta wieġeb għas-sejħa divina, Pawlu ta ruħu għal dan Ġesù u hu stess jistqarr li: "bosta drabi sibt ruħi wiċċ imb wiċċ



**L-Aħħar Tislima tal-Appostli San Pietru u San Pawl**

**Kwadru Titulari**

**Kolleġġjata Insinji u Bażilika tan-Nadur**

*Skola tal-Preti tal-bidu tas-Seklu Tmintax.*

mal-mewt, ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa nieqsin waħda; tliet darbiet tawni s-swat bil-virgi; darb'oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt l-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar, għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli mill-aħwa qarrieqa. Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fl-għera! U, biex ma nsemmix ħwejjeġ oħra, dak il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum għandi, u l-ħsieb tal-knejjes kollha!"[18]

Meta nżommu quddiem għajnejna s-sejħa ta' Pawlu, l-attività missjunarja tiegħu, il-ħeġġa tiegħu għal Alla u l-għemejjel tiegħu, it-tbatijiet kbar li kellu jsofri għat-tixrid tal-fidi, wieħed ma jistax ma jistaqsix x'kienet ir-raġuni ta' dan it-taħbit kollu. Hija l-esperjenza profonda tal-imħabba ta' Alla li tidher f'Ġesù Kristu u fl-istess ħin, l-imħabba ta' Pawlu mhux biss għas-sejħa tiegħu imma fuq kollox għal Ġesù Msallab u Rxuxtat. Hekk jikteb Pawlu:

"Jekk Alla hu magħna min jistà jkun kontra tagħna? Hu, li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll...Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, il-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna, għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna!"[19]

L-appostolat ta' Pawlu huwa offerta ta' ħajja, talba vera magħmula għall-glorja ta' Alla, talba kkaratterizzata mill-fedeltà, mill-perseverenza, mit-tbatija u saħansitra bil-mewta tiegħu f'Ruma, martirju li huwa għeluq xieraq għaż-żelu u l-attività ta' dan il-qaddej ta' Kristu. Fit-tieni ittra tiegħu lil Timotju għalhekk, Pawlu jista' tabilħaqq jagħtina t-testment ħaj tiegħu: "Ngħid għalija, demmi ġa mxerred b'sagrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi wasal. Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu."[20]



**Il-Martirju ta' San Pietru**

**Kwadru Laterali tal-Kor**

**Kolleġġjata Insinji u Bażilika tan-Nadur**

*Xogħol il-Pittur Dun Karlu Zimech ta' qrib is-sena 1750.*



## Il-Martirju ta' San Pawl

### Kwadru Laterali tal-Kor

### Kolleġġjata Insinji u Bażilika tan-Nadur

*Xogħol il-Pittur Dun Karlu Zimech ta' qrib is-sena 1750.*

Min jaf aħna nistgħux ntennu bħal Pawlu li tqabadna t-taqbida t-tajba u li issa bla biża' nistennew il-kuruna tal-ġustizzja f'Jum il-Ħlas. Għandna fuq min infasslu l-passi tal-avventura tal-ħajja tagħna; għandna żewġ pilastri li għexu l-fidi tagħhom u kienu lesti li jagħtu ħajjithom għal dak li kienu jemmnu fih. Dak li tfisser li temmen, li tgħix dak li temmen, minkejja u akkost ta' kollox. Bir-raġun għalhekk fil-pittura tal-Kwadru Titulari n-Nadurin għal Tliet Mitt Sena sħaħ raw xhieda ħajja ta' Fidi, mezz viżwali li permezz tiegħu kontinwament qed ifakarhom fil-ħajja u fit-tagħlim ta' dawn iż-żewġ Appostli kbar tal-Knisja. L-Appostli Pietru u Pawlu Patruni tagħna n-Nadurin li b'fidi għamlu minn ħajjithom għotja ta' mħabba għal Ġesu` Kristu u għall-Knisja tiegħu!

© Dorianne Buttigieg BA Theol & Phil, MA Scrip (KUL), Lic Scrip (KUL) • 2013.

Referenzi:


01. Cf. Mt 5, 15-16.
02. Ġw 3, 16-17.
03. Cf. Mt 16, 18.
04. Cf. Mk 1, 29ff.
05. Cf. Ġw 1, 37ff.
06. Cf. Mt 9, 18-26.
07. Cf. Mt 17, 1-8.
08. Cf. Ġw 21, 15-17.
09. Cf. Mt 26, 37.
10. Cf. Lq 24, 34; 1 Cor 15, 5.
11. Cf. Atti 1, 15-26.
12. Cf. Atti 2, 14-40.
13. Atti 3, 2.
14. Cf. Atti 5, 1-11.
15. Cf. Atti 10, 9-48.
16. Cf. Atti 7, 58; 8, 1-3.
17. Cf. Gal 1, 11-16.
18. 2 Kor 11, 24-28.
19. Rum 8, 31-39.
20. 2 Tim 4, 6-8.